

I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 229/2008

ta' l-10 ta' Marzu 2008

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004 dwar it-twaqqif ta' sħubijiet (*partnerships*) Ewropej fil-qafas tal-proċess ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 181a(2) tiegħu,

Ir-Regolament (KE) Nru 533/2004 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

(1) L-Artikolu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

“Artikolu 1

Billi:

Għandhom jiġu stabbiliti sħubija Ewropej sabiex ikopru l-Albanija, l-Bożnja-Herzegovina, il-Montenegro u s-Serbja inkluż il-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999, (minn hawnhekk 'il quddiem imsejħa s-sħubijiet). Is-sħubijiet Ewropej għandhom jipprovdu qafas li jinkorpora l-prijoritajiet li joħorġu mill-analiżi tas-sitwazzjonijiet differenti tas-sħab, li fuqhom għandhom ikunu kkonċentrati l-preparamenti għal aktar integrazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-kriterji definiti mill-Kunsill Ewropew u l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-proċess ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni li jinkludi l-Ftehim dwar l-Istabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fejn neċessarju u b'mod partikolari l-kooperazzjoni reġjonali.”;

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004 ⁽²⁾ jistipula li jiġu stabbiliti sħubijiet għall-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent.

(2) Artikolu 1a għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

(2) Il-Kunsill Ewropew iddeċieda fil-laqgħa tiegħu fi Brussell f'Diċembru 2005 li l-eks-Repubblika Jugozłava tal-Maċedonja għandha tkun pajjiż kandidat għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

“Artikolu 1a

(3) Hu għalhekk xieraq li jiġi stipulat li minflok Sħubija Ewropea, l-Unjoni Ewropea għandha timplimenta fir-relazzjonijiet tagħha ma' l-eks-Repubblika Jugozłava tal-Maċedonja Sħubija ta' l-Adeżjoni, u temenda r-Regolament (KE) Nru 533/2004 f'dan is-sens.

Bħala parti mill-proċess ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni, għandhom jitwaqqfu Sħubija ta' l-Adeżjoni għall-Kroazja u l-eks-Repubblika Jugozłava tal-Maċedonja. Is-Sħubija ta' l-Adeżjoni għandhom jipprovdu qafas li jkopri l-prijoritajiet kollha li jirriżultaw mill-analiżi tas-sitwazzjoni f'kull pajjiż, li fuqhom għandhom ikunu kkonċentrati l-preparazzjonijiet għall-adeżjoni fid-dawl tal-kriterji ta' Kopenhagen definiti mill-Kunsill Ewropew u l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-proċess ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni, inkluż il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ^(*), u b'mod partikolari l-kooperazzjoni reġjonali.

(4) L-Unjoni Statali tas-Serbja u l-Montenegro m'għadhiex teżisti. Għaldaqstant, huwa xieraq li r-Regolament jiġi emendat sabiex jieħu f'kunsiderazzjoni l-fatt li sew is-Serbja u kif ukoll il-Montenegro issa huma żewġ stati indipendenti.

(5) Ir-Regolament ikopri s-Sħubija ta' l-Adeżjoni u kif ukoll is-Sħubija Ewropej. Għalhekk, it-test sħiħ jeħtieġ li jittieħed f'kunsiderazzjoni,

^(*) Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri fuq naħa waħda u l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 84, 20.3.2004, p. 13). Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri fuq naħa waħda u r-Repubblika tal-Kroazja fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 26, 28.1.2005, p. 3).”

⁽¹⁾ Opinjoni mogħtija fil-15 ta' Jannar 2008 (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 86, 24.3.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 269/2006 (ĠU L 47, 17.2.2006, p. 7).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Marzu 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

D. RUPEL
